MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Numru 95/2008

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alfred Mallia)**

**v**

**Faiz Omar Elsallak ta’ 38 sena**
**Bin Fatima nee Ferghani, mwieled Libja,**
**fit-3/08/1969, residenti ’Marlene’, Flat 2,**
**Triq Testaferrata, Msida**
**detentur tal-karta tal-identita‘**
**bin-numru 23784 (A)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Faiz Omar Elsallak li gie akkuzat talli fil-Belt Valletta nhar il-Gimgha 1 ta’ Frar, 2008 ghall-habta tat-3.00 p.m.

Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-imsemmija ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom u izjed ma hallihomx jew b'mod iehor fixkel lill-Pulizija milli jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara f'cella ta' detenzjoni fl-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara f'cella ta' detenzjoni fl-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Belt Valeltta liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, hsejjes jew b'mod iehor;

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tapplika l-Artikolu 383 tal-kapitlu 9 tal-Ligjiiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ PC 626 Giancarlo Benetti u PC 265 Kenneth Ciangura.

Rat il-kunsens tal-Avuakt Generali ghal proceduri sommarji u l-konsegwenti kunsens tal-akkuzat ghal tali proceduri.

Rat li l-akkuzat wiegeb li hu kien hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, b’dan illi huwa baqgha jippersisti fl-istess ammissjoni.

Rat li in vista ta’ hekk, gie redatt pre sentencing report u anke report mill-psikologista Dr Joseph Spiteri.

Ikkonsidrat

Illi mir-rapport peritali l-Qori hadet konoxxenza sew tal-problemi li bihom huwa afflitt Elsallak primarjament abbuz ta’ droga u paranoia.  Certament dan il-bniedem ghandu jircevu ghajnuna biex jitghallem jghix f’socjeta’ civili. Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 94, 95, 96 325, 338, 31, 17 tal-kapitlu 9.    Qieset il-piena idonea ghall-kaz in dizamina, dan anke wara li rat il-fedina penali tieghu, tikundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur b’dan illi qeghda tirrakkomanda lid-Direttur tal-habs li minhabba l-problemi li jaffliggu lill-istess akkuzat, ghandu jinzamm ghal dan il-perjodu gewwa l-Forensic Ward gewwa Monte Carmeli that il-kura ta’ Dr Joseph Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------